

Il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2008

66. Jappoġġja, rigward il-qasam tas-saħħa pubblika, id-definizzjoni tad-WHO tal-mediċina ffalsifikata: “mediċina ttikkettata ħażin, b'mod intenzjonat u bi frodi, rigward l-identità u/jew is-sors. L-iffalsifikar jista' ja-pplika kemm għal prodotti tad-ditta kif ukoll għal dawk ġeneriċi, u l-prodotti ffalsifikati jistgħu jinkludu prodotti bl-ingredjenti korretti jew bl-ingredjenti ħżiena, prodotti mingħajr ingredjenti attivi, b'ingredjenti attivi insufiċjenti jew b'imballaġġ falz.”;

67. Jenfasizza l-importanza li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali bħall-ħarsien tal-privatezza u d-dejta meta jittieħdu miżuri biex jiġu miġġielda l-iffalsifikar u l-ikkuppjar illegali;

Kunsiderazzjonijiet finali

68. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Kunsill u l-Istati Membri, biex jiddefinixxu linja ta' politika ċara, strutturata u ambizzjuża li, flimkien ma' miżuri interni tad-dwana, jikkoordinaw u jindirizzaw l-azzjonijiet “esterni” tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fil-ġlied kontra l-iffalsifikar u l-ikkuppjar illegali;

69. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi miżuri li huma kumplimentari ma' standards leġiżlattivi u, b'mod partikolari, biex tistabbilixxi kuxjenza Ewropea akbar dwar il-perikli tal-iffalsifikar bil-għan li jinbidlu l-attidnijiet tal-persuni dwar l-iffalsifikar u l-ikkuppjar illegali;

70. Iqis li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra t-twaqqif ta' tabella ta' valutazzjoni internazzjonali dwar l-iffalsifikar li għandha tkun immudellata fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u li tista' titfa' l-attenzjoni fuq pajjiżi li huma taħt il-medja fir-rigward tal-ġlied kontra ogħġetti ffalsifikati;

71. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippermettu lill-Parlament li jkollu rwol aktar ċentrali fil-ġlied kontra l-iffalsifikar; iqis partikolarmen xieraq li l-Unjoni Ewropea tippromwovi preżenza politika tagħha flaqqhat internazzjonali speċjalizzati bħall-Kungress Globali Kontra l-iffalsifikar u l-ikkuppjar illegali, kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-ħarsien tal-proprietà intellettwali;

72. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iżommuh kompletament infurmat u biex jistednu jippar-teċipa fl-inizjattivi relevanti kollha; jemmen li fl-ispirtu tat-Trattat ta' Liżbona, l-ACTA għandha tkun ratifikata mill-Parlament Ewropew skont il-proċedura ta' kunsens;

*
* * *

73. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati.

Ir-rekwiżiti tal-kontabilità fir-rigward tal-kumpaniji ż-żgħar u ta' daqs medju

P6_TA(2008)0635

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar ir-rekwiżiti tal-kontabilità fir-rigward tal-kumpaniji ż-żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikulari l-mikroentitajiet

(2010/C 45 E/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 192(2) u 232(2) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Ftehma ta' Qafas dwar ir-Relazzjonijiet ta' bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2005 (¹),

^(¹) ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 125.

Il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2008

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ambjent kummerċjali għall-kumpaniji ssimplifikat fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, tal-kontabilità u tal-verifika ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 bit-titolu "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" — "Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2008)0394),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti dwar Piżżejjiet Amministrattivi tal-10 ta' Lulju 2008 bit-titolu 'Tnaqqis tal-piżżejjiet amministrattivi; qasam ta' priorità il-liġi tal-kumpaniji / kontijiet annwali,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' Diċembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE fir rigward ta' ċerti rekwiżiti tal-iżvelar għall-kumpaniji ta' daqs medju u dwar l-obbligu li jitfasslu kontijiet konsolidati ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti tal-kontabilità fir-rigward ta' kumpaniji ta' daqs medju li saret lill-Parlament matul is-seduta kurrenti tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-regoli eżistenti tal-kontabilità stabiliti mir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażati fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċertu tipi ta' kumpaniji ⁽³⁾ (ir-Raba' Direttiva tal-Liġi tal-Kumpaniji) u s-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati ⁽⁴⁾ (is-Seba' Direttiva tal-Liġi tal-Kumpaniji) spiss huma ta' piż kbir għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, u b'mod partikulari għall-mikroentitajiet (kumpaniji żgħar ħafna),
- B. billi l-Grupp ta' Livell Għoli tal-Partijiet Interessati Indipendenti dwar Piżżejjiet Amministrattivi fl-opinjoni tiegħu msemmija hawn fuq digħi stieden lill-Kummissjoni biex teżenta lill-mikroentitajiet mid-direttivi tal-kontabilità,

1. Ifakkar lill-Kummissjoni li, filwaqt li sistema ta' kontabilità li tkun koerenti u armonizzata fl-Unjoni Ewropea tiffaċilita l-kummerċi fi ħdan is-suq intern, mikroentitajiet huma mgħobbija wisq minn regoli eżistenti tal-kontabilità, li dawn jistgħu, pereżempju, ikunu bejjiegħa bl-imnun żgħar jew negozji tal-artiġjanat, li jekk dawk il-kumpaniji huma attiv principally fi ħdan Stat Membru wieħed fuq livell lokali jew reġjonali m'għandhom l-ebda impatt transkonfinali fuq is-suq intern jew fuq il-kompetizzjoni fi ħdan l-UE u li għallhekk l-Istati Membri għandu jkollhom il-ġhażla li jeżentaw totalment jew parżjalment lil dawk il-kumpaniji minn obbligi statutorji ta' kontabilità;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva li tkun tippermetti l-Istati Membri li jeżentaw mill-iskop tar-Raba' u s-Seba' Direttiva tal-Liġi tal-Kumpanija lil dawk l-impriżi li fuq il-bażi tad-dejta tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jaqbżux il-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin:

- total tal-karta tal-bilanċ: EUR 500 000
- fatturat nett: EUR 1 000 000
- għadd medju ta' impjegati matul is-sena finanzjarja: 10

jekk l-aktivitajiet kummerċjali ta' dawn il-kumpaniji huma mmexxija flivell lokali jew reġjonali fi ħdan Stat Membru wieħed;

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2008)0220.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2008)0631.

⁽³⁾ ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.

Il-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2008

3. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-għan li jkunu mqanqla s-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-liġi tal-kumpaniji u b'mod partikulari tar-regoli tal-kontabilità fi ħdan is-suq intern, biex tkompli bl-isforzi tagħha fl-eżami mill-ġdid tar-raba' direttiva u tas-seba' direttiva tal-liġi tal-kumpaniji u biex tippreżenta qafas ta' kontabilità Ewropew uniformi qabel tmiem l-2009; ifakk lill-Kummissjoni li standard uniformi se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju kollha u se jżid it-trasparenza għall-partijiet interessati relevanti kollha u li s-simplifikazzjoni għandha tingħata spinta qawwija wkoll minn introduzzjoni Ewropea strutturata tal-XBRL (Lingwaġġ ta' Rappurtar Kummerċjali Estensibbli);
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.
-

L-Att Awtentiku Ewropew

P6_TA(2008)0636

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2008 'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Att Awtentiku Ewropew (2008/2124(INI))

(2010/C 45 E/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 192, it-tieni paragrafu, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2005 bit-titulu “Il-programm tal-Aja: Għaxar prioritajiet għall-ħames snin li ġejjin. Il-Partenarjat għal tiġid Ewropew fil-qasam tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja” (COM(2005)0184),
- wara li kkunsidra l-istudju komparattiv dwar l-strumenti awtentiċi mwettaq mill-Kummitat għall-Affairjiet Legali,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 39 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affairjiet Legali (A6-0451/2008),
- A. billi, fil-Komunikazzjoni hawn fuq imsemmija dwar il-programm tal-Aja, il-Kummissjoni stqarret li waħda mill-prioritajiet tagħha hija l-ħtieġa li tiggarrantixxi spazju Ewropew effettiv fil-qasam tal-ġustizzja cívili, u prinċipalment f'dak li jikkonċerna r-rikonoxximent u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet legali; billi bil-għan li jkabbar il-fiduċja reċiproka fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-programm imsemmi jelenka bħala priorità essenzjali fis-snin li ġejjin l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, billi dan huwa mod konkret ta' kif jitħarsu d-drittijiet taċ-ċittadini u biex b'hekk tiġi garantita l-applikazzjoni transkonfiniali fl-Ewropa,
- B. billi l-Programm tal-Aja jistipola li t-twettiq tal-implimentazzjoni tal-programm ta' rikonoxximent reċiproku jikkostitwixxi priorità essenzjali, u li din l-implimentazzjoni għandha sseħħ sal-2011,
- C. billi l-moviment taċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni Ewropea qiegħed jikber kontinwament; billi, b'konsegwenza ta' dan, kien hemm żvilupp fis-sitwazzjonijiet legali li jikkonċernaw aktar minn Stat Membru wieħed,
- D. billi l-Kummissjoni rrikonoxxiet, fil-komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq dwar il-Programm tal-Aja, li fil-qasam tal-ġustizzja cívili, ir-rikonoxximent tal-atti pubbliċi huwa aspett fundamentali li jrid jiġi trattat; billi għalhekk jeħtieġ b'mod urġenti li r-rikonoxximent u l-implimentazzjoni tal-atti awtentiċi, kif definiti fis-sentenza Unibank, jiġu promossi ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tas-17 ta' Ġunju 1999, fil-każ C-260/97, ECR 1999, I-3715.